



Brussell, 3 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9020/24
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0132(COD)

CODEC 1124
ASILE 59
EURODAC 6
ENFOPOL 186
IXIM 114

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolamenti (UE) .../... u (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja

1. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja japprezza l-isforzi tal-Kunsill tal-UE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jintlaħaq kompromess dwar rispons komprensiv u responsabbli tal-Unjoni Ewropea biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-proċessi attwali tal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, nenfasizzaw li l-Gvern ma kellux l-opportunità reali li jipparteċipa fin-negozjati dwar il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

2. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jinnota l-possibbiltà li tittejjeb il-ġestjoni ta' xi wħud mill-aspetti tas-sistema tal-migrazzjoni u l-ażil. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-atti legali fi ħdan il-Patt turi li dawn ma jindirizzawx biżżejjed is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri li għandhom fruntiera mal-Belarusja u r-Russja u minħabba dan il-fatt kienu taħt pressjoni kostanti u għolja li rriżultat minn rotot migratorji maħluqa artifiċjalment. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Kunsill Ewropew ripetutament, inkluż fil-konklużjonijiet tiegħu mill-14 u l-15 ta' Diċembru 2023, saħaq fuq il-konsegwenzi negattivi tal-fenomeni tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni u kkundanna l-użu strumentali tal-migranti minn pajjiżi terzi għal finijiet politiċi.

3. Il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja jieħu l-pożizzjoni li l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ma jiżgurax il-bilanċ it-tajjeb bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà u jista' potenzjalment jagħti lok għal tilwim futur bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja ddeċieda li jivvota kontra l-atti legali kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Patt.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tibqa' konvinta bis-sħiħ mill-ħtieġa li tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li jkollha l-għan li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, timminimizza u fl-aħħar mill-aħħar telimina l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali u tiskoraġġixxi lill-persuni li jixtiequ jabbużaw mis-sistema tal-ażil milli jidħlu fl-Unjoni Ewropea, u tinkludi l-possibbiltà li l-applikazzjonijiet għall-ażil jiġu eżaminati f'pajjiżi terzi abbażi tal-prinċipju ta' ekstrasettorjalità. Biex inkunu nistgħu nilħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li, l-ewwel u qabel kollox, nirrikonoxxu li l-isfidi tal-migrazzjoni globali ma jistgħux jiġu solvuti fit-territorju tal-Ewropa, u għalhekk m'għandniex nimportaw problemi li ma jistgħux jissolvew, iżda nagħtu l-għajnuna fejn hija meħtieġa.

Biex tkun tista' tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil effettiva, huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà, iżda nemmnu li dan il-bilanċ ma ntlaħaqx mill-atti leġislattivi proposti. Dan in-nuqqas ta' bilanċ huwa ppruvat b'mod ċar mill-fatt li l-Ungerija mhijiex Stat Membru l-aktar espost, madankollu, aħna Stat Membru bi fruntieri esterni sinifikanti, li jibqa' responsabbli għall-waqfien tal-pressjoni migratorja fuq l-Unjoni Ewropea. Minbarra din ir-responsabbiltà, ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil jobbliga lill-Ungerija tiżgura livell ħafna ogħla ta' kapaċità għat-twettiq ta' proċeduri fuq il-fruntiera minn Stati Membri oħra, li mhuwiex ġust u realistiku meta titqies il-pożizzjoni ġeografika tagħna.

L-Ungerija ilha mill-2015 tikkommetti ruħha għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea, mingħajr l-appoġġ tal-UE, f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-acquis ta' Schengen. L-isforzi tagħna għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll bħala forma ta' solidarjetà. Għall-kuntrarju ta' dan, il-qafas legali l-ġdid propost ma jqisx ir-riżorsi mill-baġits nazzjonali li jintefqu fuq il-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea bħala solidarjetà, iżda minflok jimponi obbligi addizzjonali kemm f'termini tal-ġoti ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra kif ukoll f'termini ta' responsabbiltà għall-waqfien tal-migrazzjoni illegali.

Biex iżżomm mal-pożizzjoni konsistenti tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti, u għalhekk ma taqbilx mal-introduzzjoni ta' kumpensi tar-responsabbiltà bħala element obbligatorju tal-qafas ta' solidarjetà. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati fl-2015 diġà wrew li mekkaniżmu ta' solidarjetà bbażat fuq id-distribuzzjoni obbligatorja tal-migranti mhux ser itaffi l-piż fuq is-sistemi tal-ażil tagħna, għall-kuntrarju, iżid l-għadd ta' wasliet.

Barra minn hekk, l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fl-atti legali rilevanti.

Fl-aħħar nett, u f'konformità mas-sejħa ripetuta tal-Kunsill Ewropew, l-Ungerija tibqa' soda dwar il-ħtieġa li jintlaħaq kunsens dwar politika effettiva dwar il-migrazzjoni u l-ażil mingħajr ma jinħolqu fatturi ġodda ta' attrazzjoni.

B'kont meħud tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, l-Ungerija mhijiex f'pożizzjoni li tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac, peress li huwa element inseparabbli ta' sistema fundamentalment difettuża.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka

Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Napprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenzi parteċipanti kollha. Fl-istess ħin, aħna konxji li l-ilħuq tal-kompromess ma kienx kompitu faċli.

Madankollu, huwa essenzjali li ma nirtirawx mill-pożizzjonijiet li kellna u ddikjarajna għal żmien twil.

Napprezzaw li l-Patt jiffoka fuq is-soluzzjoni tal-kawżi tal-migrazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini, li jista' jgħin biex tittaffa l-pressjoni fuq il-fruntieri esterni tal-UE.

Aħna nemmnu li l-prijorità ta' politika Ewropea dwar il-migrazzjoni li tirnexxi għandha tkun il-protezzjoni konsistenti tal-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll politika dwar ir-ritorn effettiva.

Huwa mixtieq li jittieħdu l-miżuri kollha biex tiġi evitata l-migrazzjoni illegali u, fl-istess ħin, jiġu megħjuna dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Filwaqt li nirrikonoxxu li l-kunċett ta' kwoti ta' rilokazzjoni obbligatorji fil-biċċa l-kbira ġie abbandunat, m'aħniex konvinti li l-proposti ppreżentati jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.

Is-solidarjetà hija prinċipju importanti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, iżda nemmnu li l-għażla tal-formola għandha dejjem tkun kompletament f'idejn l-Istat Membru. Sfortunatament, il-proposti ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit peress li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji huma obbligatorji jekk ċertu numru ta' persuni li jfittxu l-ażil ma jiġux rilokati. Fl-istess ħin, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-kumpens tar-responsabbiltà ta' Dublin isir obbligatorju wkoll. Dawn l-elementi jikkostitwixxu fatturi ta' attrazzjoni qawwija u jipprovdu inċentivi għall-migrazzjoni sekondarja.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Repubblika Slovakkja tivvota kontra l-proposti ppreżentati fil-qasam tas-solidarjetà - ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni (AMMR) kif ukoll ir-Regolament dwar sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa tal-proposti kollha ppreżentati, aħna nastjenu milli nivvutaw fuq il-proposti l-oħra.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka

Ir-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi l-ħtieġa tar-riforma tar-regoli attwali li jirregolaw il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil. Diversi sfidi u b'mod partikolari l-iżviluppi minn wara l-kriżi tar-refuġjati tal-2015-2016 urew il-vulnerabbiltà tas-sistema tagħna, li ma għadhiex sostenibbli. Peress li soluzzjoni komuni fil-livell tal-UE biss tista' tipprovdi rispons adegwat għal kwistjonijiet li l-UE u l-Istati Membri jiffaċċjaw kemm flimkien kif ukoll individwalment, aħna għalhekk napprezzaw l-isforz biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ewlenin.

Matul in-negozjati tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ċeka segwiet b'mod partikolari l-oġettivi ta' protezzjoni msaħħa tal-fruntieri esterni bil-ħsieb ta' żona Schengen aktar sikura kif ukoll bilanċ funzjonali bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà.

Ir-Repubblika Ċeka tilqa' b'mod speċifiku l-fatt li l-kompromess finali ma jistabbilixxi obbligu ta' rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi. Fl-istess ħin u filwaqt li tapprezza titjib ieħor għas-sistema attwali, ir-Repubblika Ċeka tinnota li l-eżitu tan-negozjati interistituzzjonali ma laħaqx l-ambizzjoni tal-mandat tal-Kunsill u li l-effiċjenza ta' xi strumenti kienet ġiet kompromessa minn piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri, li ġġenera diffikultajiet prattiċi kif ukoll żieda fl-ispejjeż.

Fid-dawl ta' dan kollu u f'konformità mal-approċċ tal-pakkett, ir-Repubblika Ċeka ddeċidiet li tastjeni milli tivvota dwar l-istrumenti leġislattivi tal-Patt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-ispirtu ta' għaqda tal-UE u tqis dan l-istadju importanti bħala opportunità ġdida biex titkompla, bi sforz imsaħħaħ, ir-riforma ulterjuri tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-ażil b'enfasi speċifika fuq id-dimensjoni esterna u l-ideat innovattivi f'dak il-qasam.